MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-16 ta' Awwissu, 2005

Rikors Numru. 43/2004/1

**Alexia Portelli u Wessam Mohammed Elsrmani**

***Versus***

**Il-Ministru tal-Ġustizzja u ta’ l-Intern u l-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni**

F’dawn il-proċeduri r-rikorrenti qegħdin jitolbu ħarsien tad-drittijiet fondamentali tagħhom taħt l-artt. 8 u 12 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“ il-Konvenzjoni” ].

***Ir-Rikors***

Ir-rikors igħid illi r-rikorrenti Alexia Portelli hija ċittadina Maltija u r-rikorrent Wessam Mohammed Elsrmani huwa ċittadin Libjan. Iż-żewġ rikorrenti kellhom relazzjoni għal numru ta’ snin u minn din ir-relazzjoni twieldu żewġt itfal: Dillon, li għandu tliet snin, u Brandon li għandu kważi sena u nofs. Għalkemmm din hija familja li nħolqot barra ż-

żwieġ, hija madankollu familja normali għax magħrufa u appoġġjata mill-familja tar-rikorrenti u għandha r-residenza fissa tagħha.

It-tifel Dillon imur l-iskola, u, billi huwa *hyperactive*, ingħata *facilitator* biex tkun tista' tgħinu, iżda hija meħtieġa l-preżenza tar-rikorrent missieru sabiex jikkontrollah, minħabba r-rabta mill-qrib li hemm bejn il-missier u t-tifel.

Kemm ilha f'relazzjoni mar-rikorrent l-ieħor, u billi ż-żwieġ tagħha tkisser irrimedjabilment, ir-rikorrenti Portelli bdiet proċeduri bil-qorti biex tikseb dikjarazzjoni ta' nullità taż-żwieġ, u x'aktarx illi l-kawża tinqata' fil-ġejjieni qarib. Jekk tingħata dikjarazzjoni ta' nullità, ir-rikorrenti għandhom il-ħsieb illi jiżżewġu minnufih, biex jieħdu l-istat tagħhom ta' miżżewġin fl-interess ta' wliedhom.

Ir-rikorrent Elsrmani qiegħed Malta għalkemm il-visa tiegħu hija skaduta, u dan l-aħħar kien ukoll arrestat mill-uffiċjali tal-Fergħa ta' l-Immigrazzjoni tal-Pulizija. L-Uffiċjal Ewlieni ta' l-Immigrazzjoni ħareġ ordni ta' tneħħija kontra tiegħu; ir-rikorrent ressaq appell kontra l-ordni quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, iżda l-appell kien miċħud.

L-art 8 tal-Konvenzjoni jgħid illi "kulħadd għandu d-dritt għar-rispett … … … tal-familja tiegħu", waqt illi l-art. 12 igħid illi "l-irġiel u n-nisa ta' età ta' żwieġ għandhom id-dritt li jiżżewġu u li jkollhom familja … … …"

Lir-rikorrenti jidhrilhom illi d-dritt fondamentali mħares taħt l-art. 8 jinkiser kull meta xi awtorità pubblika, bl-għemil tagħha, u kull meta awtorità ġudikanti, bis-saħħa ta' sentenza mogħtija minnha, iwasslu biex ikun imdgħajjef "id-dritt għar-rispett tal-ħajja familjari", ukoll fil-każ ta' relazzjonijiet barra ż-żwieġ u wkoll f'relazzjonijiet oħra. Id-dritt imħares taħt l-art. 12 ukoll jitnaqqar fl-istess ċirkostanzi kull meta d-dritt fondamentali tar-rikorrenti li "jkollhom familja" jinkiser.

Ir-rikorrenti jkomplu jgħidu illi l-ordni ta' tneħħija maħruġa mill-Uffiċjal Ewlieni ta' l-Immigrazzjoni, u ikkonfermata mill-Bord ta' l-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, ma tiswiex għax tikser id-dritt fondamentali tagħhom kif imfisser fuq għax it-tneħħija tar-rikorrent Elsrmani minn Malta toħloq konsegwenzi gravi għax tisfratta l-ħajja familjari li għandhom ir-rikorrenti u wliedhom ta' età tenera, u tagħmel ħsara għall-kondizzjoni ta' Dillon minħabba n-

nuqqas ta’ missieru. X’aktarx ukoll illi d-deportazzjoni tar-rikorrent Elsrmani ttellef għal żmien twil id-dritt tar-rikorrenti li jiżżewġu, u hekk tkisser il-familja li ġà għandhom. Tikser ukoll il-Konvenzjoni ta’ l-Aja dwar id-Drittijiet tal-Minorenni, safejn tgħodd għall-każ tallum.

Għal dawn ir-raġunijiet ir-rikorrenti talbu illi l-qorti tagħti dak ir-rimedju li jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi u tagħti l-provvedimenti meħtieġa biex id-drittijiet tar-rikorrenti jitħarsu u jitwettqu.

***It-Tweġiba ta’ l-Intimati***

L-intimati wieġbu hekk:

1. Il-ġudizzju jkun integru bit-taħrika tal-Kummissarju tal-Pulizija u ta’ l-Uffiċjal Ewlieni ta’ l-Immigrazzjoni biss; għalhekk il-Ministru tal-Ġustizzja u ta’ l-Intern, li ma saret ebda allegazzjoni kontra tiegħu fir-rikors, kien imħarrek għalxejn u għandu jinħareġ mill-kawża.

2. Kull stat għandu d-dritt illi jikkontrolla d-dħul fit-territorju tiegħu ta’ persuni li ma humiex ċittadini tiegħu. Fil-każ ta’ **Gul *versus* l-Isvizzera** il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet hekk:

As a matter of well-established international law and subject to its treaty obligations, a State has the right to control the entry of non-nationals into its territory. Moreover, where immigration is concerned, Article 8 cannot be considered to impose on a State a general obligation to respect the choice by married couples of the country of their matrimonial residence and to authorise family reunion in its territory.

3. Ir-rikorrent ma jistax jippretendi illi, għax, waqt li jkun Malta illegalment, iwelled tarbija jew tnejn, b’hekk jeħles lilu nnifsu milli jkollu jħares il-liġijiet tal-pajjiż. Hu nstab illi qiegħed Malta bi ksur tal-liġi u għalhekk, wara li tressaq il-qorti fit-8 t’April 2001, ġie mneħħi minn Malta. Reġa’ daħal Malta bi ksur tal-liġi fil-11 ta’ Mejju 2001, u, wara li tressaq il-qorti fil-11 t’Ottubru 2001, reġa’ tneħħa minn Malta. Reġa’ daħal Malta bi ksur tal-liġi fis-6 ta’ Jannar 2002 u, fil-21 t’Ottubru 2004, instab fid-dar tar-rikorrenti Portelli. Għal darb’oħra nħarġet ordni ta’ tneħħija, din id-darba bi proċedura amministrattiva; ir-rikorrent appella quddiem il-Bord ta’ l-Appelli li iżda ċaħadlu l-appell. Kull darba li r-rikorrent daħal Malta għamel hekk bi ksur ta’ l-art. 24 ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni [Kap. 217].

4. Dan kollu juri illi dak illi qiegħed jippretendi tassew ir-rikorrent ma hux il-ħarsien tad-dritt tiegħu għal ħajja familjari iżda li jitħalla jidħol u joqgħod Malta bla ma jħares il-liġi. Il-Kummissarju tal-Pulizija u Uffiċjal Ewlieni ta' l-Immigrazzjoni ma huwa qiegħed jagħmel xejn biex iżomm lir-rikorrenti milli jibqgħu magħqudin flimkien ma' wliedhom għax ma huwa qiegħed jagħmel xejn biex iżomm lir-rikorrenti Portelli milli tmur ma' żewġha u wliedhom u hekk tkun imħarsa l-ħajja familjari tagħhom. Ir-rikorrent ma jistax jippretendi illi b'għajnejh miftuħa jikser il-liġijiet tal-pajjiż, meta dak il-ksur iġib miegħu t-tneħħija tiegħu minn Malta, u mbagħad, meta jinkixef l-għemil tiegħu, jilmenta li ma hijiex tiġi mħarsa l-ħajja familjari tiegħu.

5. Ukoll jekk jinstab illi kien hemm indħil mill-istat fil-ħajja familjari tar-rikorrenti, dan ikun ġustifikat għax "skond il-liġi u … … … meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi … … … tal-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti".

6. l-art. 12 tal-Konvenzjoni ma tolqotx il-każ tallum għax ir-rikorrent ma huwiex qiegħed jallega li l-intimati għamlu xi għemil li b'xi mod qiegħed ifixkel lir-rikorrent milli jiżżewweġ u jkollu familja bħala persuna miżżewġa.

***Il-Fatti tal-Każ***

Il-fatti li wasslu għal dan il-każ ġraw hekk:

Ir-rikorrent Elsrmani, li huwa ċittadin Libjan, kien instab li daħal Malta bi ksur tal-liġi ta' l-immigrazzjoni u, wara li tressaq il-qorti fit-8 t'April 2001, inħarġet kontra tiegħu ordni ta' tneħħija minn Malta. Wara li tneħħa minn Malta reġa' daħal bi ksur tal-liġi fil-11 ta' Mejju 2001. Reġa' tressaq il-qorti u fil-11 t'Ottubru 2001 reġa' tneħħa minn Malta. Għal darb'oħra fis-6 ta' Jannar 2002 reġa' daħal Malta u, billi ma għarrafx lill-uffiċjal ta' l-immigrazzjoni bl-ordnijiet ta' tneħħija li kienu nħarġu kontrieh qabel, tħalla jidħol. Din id-darba wkoll id-dħul tiegħu kien bi ksur tal-liġi għax, kontra dak li jrid l-art. 24 tal-Kap. 217, ma tax it-tagħrif meħtieġ dwar l-ordnijiet ta' tneħħija:

**24.** Jekk xi persuna li tkun telqet minn Malta taħt ordni ta' tneħħija jew ordni ta' deportazzjoni f'xi żmien titlob permess biex tinżel l-art jew permess biex tinżel l-art u tibqa' Malta jew jekk titlob biex tingħata permess għal residenza, għandha tiddikjara espressament bil-miktub lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni dik iċ-ċirkostanza u,

jekk tonqos li tagħmel hekk, kull permess tali jew permess għal residenza li jingħatalha jkun null u bla effett u hi tkun, ukoll, minħabba biss dak in-nuqqas bla preġudizzju għal ħruġ ta’ ordni ta’ tneħħija jew deportazzjoni taħt dan l-Att, ħatja ta’ reat u teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati, multa ta’ mhux iżjed minn ħames mitt lira jew priġunerija għal żmien ta’ mhux aktar minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Waqt li kien hawn Malta, ir-rikorrent Elsrmani ltaqa’ mar-rikorrenti Portelli, li hija miżżewġa iżda mifruda minn żewġha, u kellhom relazzjoni. Ir-rikorrenti jgħidu illi minn din ir-relazzjoni kellhom żewġ ulied: Dillon, li twieled fil-5 ta’ Diċembru 2000, u Brandon Nasem, li twieled fit-12 ta’ Lulju 2003. Iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ Dillon, iżda, juri illi dan hu iben Robert Portelli, żewġ ir-rikorrenti Portelli.

Fil-21 t’Ottubru 2004 ir-rikorrent Elsrmani nstab fid-dar tar-rikorrenti Portelli u, billi kien qiegħed Malta bi ksur tal-liġi, inħarġet ordni oħra ta’ tneħħija kontra tiegħu, din id-darba taħt il-proċedura amministrattiva li nħolqot wara li l-Kap 217 kien emendat bl-Att XXIII ta’ l-2002. Sar appell minn din l-ordni kontra l-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, iżda l-appell kien miċħud. Billi, iżda, fl-24 ta’ Novembru 2004 ir-rikorrenti bdew dawn il-proċeduri tallum, ir-rikorrent ma tneħħiex minn Malta iżda nżamm taħt detenzjoni.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Ngħaddu issa biex inqisu l-ilmenti tar-rikorrenti dwar ksur ta’ drittijiet fondamentali, fid-dawl tat-tweġiba ta’ l-intimati, tax-xhieda li tressqet waqt is-smigħ tal-kawża, u tas-sottomissjonijiet li għamlu l-partijiet kemm bil-miktub u kemm bil-fomm. Nibdew billi nqisu l-eċċezzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja u ta’ l-Intern li tgħid illi l-ministru kien imħarrek għalxejn.

***Dwar jekk il-Ministru tal-Ġustizzja u ta’ l-Intern għandux jinħeles mill-Ħarsien tal-Ġudizzju***

L-art. 181B tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk dwar kif għandu jkun imħarrek il-Gvern ta’ Malta:

**181B.** (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:

Il-kawża tallum hija dwar jekk il-ħruġ u t-twettiq ta' ordni ta' tneħħija humiex bi ksur ta' drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Il-kap tad-dipartiment tal-gvern inkarigat mill-ħruġ u t-twettiq ta' ordni ta' tneħħija huwa l-Uffiċjal Ewlieni ta' l-Immigrazzjoni, u għalhekk huwa dak l-uffiċjal li għandu jidher f'isem il-gvern fil-kawża tallum. Ma huwiex meħtieġ illi l-Ministru tal-Ġustizzja u ta' l-Intern ukoll ikun parti fil-kawża, u l-ministru kien imħarrek għalxejn.

Għal din ir-raġuni l-qorti teħles lill-Ministru tal-Ġustizzja u ta' l-Intern mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

***Dwar id-Dritt għar-Rispett tal-Ħajja tal-Familja***

Ngħaddu issa biex inqisu jekk kienx hemm ksur ta' drittijiet fondamentali, u nibdew billi nqisu d-dritt għall-ħajja tal-familja, imħares taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni.

ARTIKOLU 8

(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.

(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.

Bħala prinċipju ġenerali, dan l-artikolu ma joħloqx obbligu fuq l-istat illi joqgħod fuq l-għażla tal-partijiet dwar f'liema pajjiż għandhom joqgħodu meta, biex jagħmel hekk, ikollu jilqa' fit-territorju tiegħu lill-parti li ma hijiex ċittadin tiegħu.

The duty imposed by Article 8 (art. 8) cannot be considered as extending to a general obligation on the part of a Contracting State to respect the choice by married couples of the country of their matrimonial residence and to accept the non-national spouses for settlement in that country.[1]

L-obbligu fuq l-istat huwa illi ma jindaħalx fil-ħajja tal-familja sakemm dak l-indħil ma jkunx skond il-liġi u meħtieġ f'soċjetà demokratika. Li rridu naraw, mela, hu: (1) jekk bejn ir-rikorrenti u flimkien ma' wliedhom hemmx

[1] **Abdulaziz, Cabales u Balkandali *versus* ir-Renju unit**, Q.E.D.B. 24 t'April 1985, para. 68.

ħajja ta' familja; (2) jekk kienx hemm indħil mill-awtorita pubblika fil-ħajja tal-familja; u (3) jekk dak l-indħil huwiex (a) skond il-liġi u (b) meħtieġ f'soċjetà demokratika għal xi waħda jew aktar mir-raġunijiet imsemija fl-art. 8(2).

***Dwar il-Ħajja tal-Familja***

Biex tara jekk hemmx ħajja tal-familja, il-qorti għandha aktar tħares lejn is-sitwazzjoni *de facto* milli lejn id-definizzjoni legali tal-familja[2]. Il-fatt illi r-rikorrenti għexu flimkien *more uxorio* u illi minn din ir-relazzjoni kellhom l-ulied huma biżżejjed biex din il-qorti tgħid illi flimkien għandhom ħajja ta' familja.

Madankollu, dan ma jfissirx illi, kif donnhom qegħdin jippretendu r-rikorrenti, il-fatt illi fetħu proċeduri kostituzzjonali għandu jfisser illi l-liġijiet ordinarji ma jgħoddux aktar għall-każ. Rajna illi, skond l-att ta' twelid ta' Dillon, jidher illi missieru huwa mhux ir-rikorrent Elsrmani iżda żewġ ir-rikorrenti Portelli. Jekk tassew Dillon huwa bin iż-żewġ rikorrenti, kellhom rimedju taħt il-liġi ordinarja biex dak il-fatt ikun magħruf għall-għanijiet kollha tal-liġi. Dan ir-rimedju ma fittxewhx, u għalhekk lil din il-qorti ma jidhrilhiex illi ma għandhiex toqgħod fuq id-dokument uffiċjali li juri min hu missier Dillon. Dawn il-proċeduri tallum ma humiex għall-korrezzjoni ta' att ta' l-istat ċivili.

Barra minn hekk, huwa wkoll relevanti — għalkemm mhux meħtieġ għall-għanijiet ta' din il-kawża — il-fatt illi, waqt illi Dillon twieled fil-5 ta' Diċembru 2000, ir-rikorrenti Portelli fl-*affidavit* tagħha maħluf fl-14 ta' Novembru 2004, qalet illi r-relazzjoni tagħha mar-rikorrent l-ieħor "bdiet qisu erba' snin ilu"[3], *i.e.* fl-aħħar xhur tas-sena 2000, waqt illi r-rikorrent Elsrmani, meta xehed fit-12 t'April 2005, qal illi kien ilu joqgħod mar-rikorrenti l-oħra bejn tliet snin u tliet snin u nofs [4], *i.e.* lejn tmiem l-2001.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tqis illi llum hemm relazzjoni ta' familja bejn iż-żewġ rikorrenti u flimkien ma' binhom Brandon Nasem. Jonqos illi naraw, iżda, jekk kienx hemm ħajja ta' familja fiż-żmien relevanti għall-għanijiet ta' din il-kawża.

***Dwar l-Indħil mill-Awtorità Pubblika***

---

[2] **Elsholz *versus* il-Germanja**, Q.E.D.B. 13 ta' Lulju 2000, para. 43.
[3] *Fol*. 9.
[4] *Fol*. 39.

Fis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Jannar 1997, fil-każ ta' **Bouchelkia *versus* Franza**, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet hekk:

41. … … … It is with regard to the position at that time [when the deportation order was made and executed] that the question whether the applicant had a private and family life within the meaning of Article 8 of the Convention (art. 8) falls to be considered.[5]

Meta r-rikorrent Elsrmani tneħħa minn Malta l-ewwel darba fit-8 t'April 2001, dan kien qabel it-twelid ta' Brandon Nasem u meta r-relazzjoni mar-rikorrenti Portelli jew kienet għadha fil-bidu tagħha jew kienet għadha ma nbdietx. Ma jistax jingħad illi ordni ta' tneħħija maħruġ f'dawk iċ-ċirkostanzi kien bi ksur ta' xi liġi, għax il-liġi internazzjonali tagħraf is-setgħa ta' l-istat illi jikkontrolla d-dħul u l-permanenza fit-territorju tiegħu u t-tneħħija minn dak it-territorju ta' dawk li ma humiex ċittadini tiegħu[6].

Meta nħolqot ir-relazzjoni Elsrmani ġà kien qiegħed fil-pajjiż bi ksur tal-liġi u ma jistax, b'imġieba tiegħu bi ksur tal-liġi, iġib illi ssir illeċita miżura meħuda mill-istat bi tweġiba għall-ewwel għemil illeċitu tiegħu. Ir-rikorrenti Elsrmani ma ħoloqx jeddijiet favur tiegħu meta, għalkemm jaf li ġà kien f'Malta bi ksur tal-liġi, u li għalhekk seta' jitkeċċa minn waqt għal ieħor, fittex li jidħol f'relazzjoni mar-rikorrenti l-oħra. Li kieku r-rikorrent qagħad mill-bidu għal dak li trid il-liġi, is-sitwazzjoni li wasslet għall-kawża tallum ma kinitx tinħoloq.

Għaldaqstant, ukoll jekk l-ordnijiet ta' tkeċċija illi nħarġu kontra r-rikorrent Elsrmani jitqiesu ndħil fil-ħajja tal-familja tiegħu, dan l-indħil ma seħħx fiż-żmien relevanti għall-għanijiet ta' l-art. 8 tal-Konvenzjoni, u għalhekk ma jistax jitqies indħil bi ksur ta' dak l-artikolu. Il-fatt illi l-aħħar ordni ta' tkeċċija nħarġet wara li nħolqot ir-relazzjoni ta' familja ma jibdilx is-sitwazzjoni għax dik l-ordni kienet meħtieġa biss għax ir-rikorrent baqa' ma qagħadx għall-ordnijiet maħruġa qabel u kompla joqgħod Malta bi ksur tal-liġi.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma illi ma kien hemm ebda indħil mill-awtorità pubblika fil-ħajja tal-familja tar-rikorrenti billi l-ħajja ta' familja nħolqot meta r-rikorrent

---

5 Ara wkoll **Raid Mabruk El Masri *versus* Prim' Ministru *et***, P.A. 4 t'Ottubru 2004, u **Samir El Yefereni *versus* Prim' Ministru *et***, P.A. 28 ta'Gunju 2005.

6 Ara **Moustaquim *versus* il-Belgju**, Q.E.D.B. 25 ta' Jannar 1991, para. 43.

Elsrmani kien ġà bl-egħmil tiegħu bi ksur tal-liġi ħoloq il-ħtieġa għat-tneħħija tiegħu.

***Dwar id-Dritt ta' Rġiel u Nisa li jiżżewġu u li jkollhom Familja***

Ir-rikorrenti qegħdin igħidu wkoll illi kien hemm ksur tad-dritt tagħhom illi jiżżewġu u li jkollhom familja, imħares taħt l-art. 12 tal-Konvenzjoni:

ARTIKOLU 12

L-irġiel u n-nisa ta' età ta' żwieġ għandhom id-dritt li jiżżewġu u li jkollhom familja, skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt.

Id-dritt taż-żwieġ huwa regolat "skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt" u l-liġi taż-żwieġ ta' Malta ma tħallix lil min hu ġà miżżewweġ jerġa' jiżżewweġ meta huwa marbut bi żwieġ ieħor.

Illum ir-rikorrenti Portelli hija miżżewġa ma' ħaddieħor u għalhekk, sakemm għadha marbuta b'dak iż-żwieġ, ma tistax tiżżewweġ lir-rikorrent l-ieħor taħt il-liġi ta' Malta. Il-fatt illi fetħet kawża għal dikjarazzjoni li ż-żwieġ tagħha ma jiswiex ma hux biżżejjed biex jibdel l-istat ċivili tagħha għax, sakemm ma tingħatax dikjarazzjoni ġudizzjarja ta' nullità, l-ewwel żwieġ jitqies li għadu jorbot, ukoll jekk, kif tgħid ir-rikorrenti, x'aktarx illi l-kawża ma tkunx kontestata minn żewġha.

Għalhekk, f'dan il-waqt, it-talba taħt l-art. 12 tal-Konvenzjoni hija intempestiva, għax ir-rikorrenti għad ma għandhomx id-dritt li jiżżewġu "skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt".

Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi ma ntweriex illi kien hemm ksur ta' l-art. 12 tal-Konvenzjoni għax dak li issa qiegħed iżomm lir-rikorrenti Portelli milli tiżżewweġ lir-rikorrent l-ieħor huwa l-fatt illi hija miżżewġa lil ħaddieħor, u mhux xi għemil ta' l-intimat.

***Konklużjoni***

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, wara li teħles lill-Ministru tal-Ġustizzja u ta' l-Intern mill-ħarsien tal-ġudizzju, taqta' l-kawża billi tgħid illi ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti mħarsa taħt l-artt. 8 u 12 tal-Konvenzjoni, u għalhekk tiċħad it-talbiet magħmula fir-rikors. L-ispejjeż kollha għandhom iħallsuhom ir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------